

L-Arċipriet tal-Katidral Mons. Ġużepp Attard (xellug) akkumpanjat mill-Arċipriet Mons. Salvu Muscat jidher ħiereġ mill-Knisja Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, fin-Nadur, fejn għadda mumenti ta' talb

# Mons. Ġużepp Attard jieħu l-pussess bħala Arċipriet tal-Katidral

Mons. Ġużepp Attard, nhar il-Ħadd, 9 ta' Diċembru, ħa l-pussess bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-Katidral.

Iċ-ċerimonja bdiet fit-8.00 ta' filgħodu, meta Mons. Attard ħalla d-dar tal-familja tiegħu, fi Triq San Ġwann, in-Nadur, f'korteo, akkumpanjat mill-Banda Mnarja, għall-Knisja Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, fejn kien hemm mument ta' talb.

Meta ħareġ mill-Knisja Bażilika, akkumpanjat mill-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Salv Muscat u familjari, reġgħet daqqet il-Banda Mnarja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha, Mro. Joseph Grech.

Mal-wasla ta' Mons. Attard fi Pjazza Savina, Victoria, ġie milqugħ b'daqq mill-Banda Cittadina Leone.

Hawnhekk Mons. Attard daħal għal ftit mumenti ta' talb fil-Knisja ta' l-Adorazzjoni ta' Savina. Wara, Mons. Attard, akkumpanjat mill-Banda Cittadina Leone flimkien mal-*Victoria Scout Group* telaq lejn il-Katidral, fejn mal-wasla tiegħu ġie milqugħ mill-Isqof Djoċesan, Mons. Mario Grech, mill-Arċidjaknu tal-Katidral, Mons. Giovanni Bosco Gauci flimkien ma' delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali. Hawnhekk, l-Avukat Michael Caruana, President tas-Soċjetà Filarmonika Leone, f'isem il-Komunità Parrokkjali tal-Katidral għamel indirizz ta' merħba. Imbagħad fil-Katidral saret Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni bir-rit tal-Pussess ippreseduta minn Mons. Isqof Mario Grech, bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral, il-Presbiterju Parrokkjali u l-kleru sekulari u reliġjuż tad-Djoċesi. Ġiet segwita l-Quddiesa *Missa Brevis in Honorem Joannes Pauli II,* bis-sehem tal-orkestra, solisti u l-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Colin Attard, Maestro di Cappella.

Wara l-Komunità Parrokkjali flimkien mal-mistednin distinti kienu l-mistiedna għar-riċeviment.



L-Eċċ. Tiegħu l-President ta' Malta, Dr Edward Fenech Adami jidher jammira x-xogħlijiet ta' Emvin Cremona

# Il-President ta' Malta f'Ta' Pinu

L-Eċċ. Tiegħu l-President Ta' Malta, Dr Edward Fenech Adami għamel żjara uffiċjali fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, fejn għadda xi mumenti ta' talb fil-kappella tal-Madonna u wara seta' jammira xi uħud mill-pitturi ta' Emvin Cremon li qed jiġu rrestawrati fuq sponsor tal-BOV.

Ir-rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar (xellug) jidher ifisser lill-President ix-xogħol ta' restawr li qed isir mir-restawratur Għawdxi Godwin Cutajar. Dawn il-pitturi ser jkunu għall-wiri fis-sagristija tas-Santwarju, li fil-preżent qed isir xogħol ta' rinovazzjoni, biex din is-sala tkun lesta sa Ġunju tas-sena d-dieħla u b'hekk tkun tista' tilqa l-għoxrin pittura ta' Cremona.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Waqt l-inawgurazzjoni tas-sit elettroniku ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Għaqdiet mhux Governattivi Għawdxin. Jidhru Antoine Vassallo (xellug) il-Ministru Giovanna Debono, David Pace (lemin) u (fuq in-naħa ta' wara) t-Tabib John B. Pace, Viċi President ta' l-Assoċjazzjoni Għawdxija

# Imfakkar Jum il-Volontarjat waqt li jiġi inawgurat sit elettroniku ġdid

L-Assoċjazzjoni ta' l-Għaqdiet mhux Governattivi Għawdxin għall-ewwel darba, nhar l-Erbgħa 5 ta' Diċembru, fl-10.00 ta' filgħodu, fiċ-Ċentru tagħha, fix-Xewkija, ingħaqdet mal-kumplament tal-komunità internazzjonali biex tfakkar il-Jum Internazzjonali tal-Volontarjat. Fl-istess okkażjoni l-Assoċjazzjoni nediet is-sit elettroniku ġdid tagħha www.gozo-ngos.org li ġie inawgurat mill-Ministru Giovanna Debono.

Permezz ta' dan il-*website* l-assoċjazzjoni qed toffri informazzjoni dwar l-istatut tagħha flimkien ma' kopja ta' l-applikazzjoni għal dawk l-għaqdiet mhux governattivi li jkunu jixtiequ jsiru membri tagħha. Minn żmien għal żmien tiġi mġedda l-informazzjoni relatata ma' dawk l-attivitajiet li jkunu qed jiġu organizzati filwaqt li ser jingħata spazju biex l-għaqdiet membri f'din l-assoċjazzjoni jkunu jistgħu jipprovdu informazzjoni u aħbarijiet dwar il-ħidma u l-attivitajiet tagħhom.

Kelmtejn ta' l-okkażjoni saru kemm mill-President ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-NGOs Għawdxin, Antoine Vassallo kif ukoll mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. David Pace li ħoloq mill-ġdid dan is-sit elettroniku ta spjegazzjoni tad-diversi faċilitajiet provduti.

L-Assoċjazzjoni ta' l-NGOs Għawdxin twaqqfet fuq inizjattiva tal-Ministeru għal Għawdex fl-2003 u tinkludi membri minn tliet kategoriji ta' ħidma volontarja, dawk li jaħdmu fil-qasam sportiv, fil-qasam kulturali u dak filantropiku.

Café VALLETTA

Licenced Restaurant

12-14 O'Connell Street Sydney

Ph: (02) 9235 0455 Fx: (02) 9235 0466

Trading: 6.30am to 4.00pm
Monday to Friday except Public Holidays

Varied Menus for Eat-in, Take-away, Corporate Catering and Private Functions

Private functions for groups of 20 up to 60 persons featuring typical Maltese food may be pre-booked 7 nights a week and at lunchtime on Saturdays, Sundays and Public Holidays.

Cafè Valletta - Joe and Miriam Portelli Sponsor of Gozo Page